# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 10

Volum 59

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

13 ta' Jannar 2016


Werrej


II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2016/C 10/01 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.7760 — Triton/KKR/EM) [1] ................ 1

2016/C 10/02 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.7793 — Lone Star Fund IX/MRH) [1] ..... 1

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2016/C 10/03 Rata tal-kambju tal-euro ........................................................................................ 2

2016/C 10/04 Sommarju tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq għall-użu u/jew għall-użu tas-sustanzi elenkati fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) *(Ippubblikat skont l-Artikolu 64(9) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006)* [1] ........................................................................................ 3


[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE

MT

V *Avviżi*

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**


| | | |
|---|---|---|
| 2016/C 10/05 | Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.7851 — USS Nero/OPTrust/PGGM/Global Vía) (1) | 6 |
| 2016/C 10/06 | Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.7885 — BP Europa/Ruhr Oel) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata (1) ........ | 7 |


(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

**(Il-Każ M.7760 — Triton/KKR/EM)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2016/C 10/01)

Fis-6 ta' Jannar 2016, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix għall-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32016M7760. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-Internet għal-liġi Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

**(Il-Każ M.7793 — Lone Star Fund IX/MRH)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2016/C 10/02)

Fit-8 ta' Jannar 2016 il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32016M7793. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-Internet għal-liġi Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Rata tal-kambju tal-euro** [1]

**It-12 ta' Jannar 2016**

(2016/C 10/03)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,0836 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,5370 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 127,79 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 8,4094 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4612 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,6547 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,75080 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,5570 |
| SEK | Krona Żvediża | 9,2483 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 308,87 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,0855 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 17,9737 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 7,1276 |
| NOK | Krona Norveġiża | 9,6388 | HRK | Kuna Kroata | 7,6672 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 14 965,60 |
| CZK | Krona Ċeka | 27,021 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,7830 |
| HUF | Forint Ungeriż | 317,75 | PHP | Peso Filippin | 51,296 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,3568 | RUB | Rouble Russu | 82,6895 |
| RON | Leu Rumen | 4,5333 | THB | Baht Tajlandiż | 39,368 |
| TRY | Lira Turka | 3,2842 | BRL | Real Brażiljan | 4,3704 |
| AUD | Dollaru Awstraljan | 1,5460 | MXN | Peso Messikan | 19,2772 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 72,4603 |

[1] *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# Sommarju tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq għall-użu u/jew għall-użu tas-sustanzi elenkati fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH)

*(Ippubblikat skont l-Artikolu 64(9) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 ([1]))*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2016/C 10/04)

## Deċiżjonijiet għall-għoti ta' awtorizzazzjoni

| Referenza tad-Deċiżjoni ([1]) | Data tad-Deċiżjoni | Isem is-sustanza | Detentur tal-awtorizzazzjoni | Numru tal-awtorizzazzjoni | Użu awtorizzat | Data ta' skadenza tal-perjodu ta' rieżami | Raġunijiet tad-Deċiżjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *[żid ir-referenza tad-Deċiżjoni]* | *[żid id-data tad-Deċiżjoni]* | Eżabromoċiklododekan (HBCDD)<br>Nru tal-KE<br>221-695-9<br>247-148-4<br>Nru tal-CAS<br>3194-55-6<br>25637-99-4<br>134237-50-6<br>134237-51-7<br>134237-52-8 | INEOS Styrenics Netherlands BV, Lijndonk 25, 4825 BG, Breda, in-Netherlands<br><br>INEOS Styrenics Ribecourt SAS, 704 rue Pierre et Marie Curie, 60170, Ribécourt, Franza<br><br>INEOS Styrenics Wingles SAS, Rue du Plat, F-62410, Wingles, Franza<br><br>Synthos Dwory 7 Spółka z ograniczoną odpowiedzialnością spółka jawna, ul. Chemików 1, 32-600, Oświęcim, il-Polonja | REACH/15/6/0<br>REACH/15/6/1<br><br>REACH/15/6/2<br>REACH/15/6/3<br><br>REACH/15/6/4<br>REACH/15/6/5<br><br>REACH/15/6/6<br>REACH/15/6/7 | Il-formulazzjoni ta' polistiren imwessa' (EPS) ritardant tal-fjammi f'gerbub solidu u mhux espandut bl-użu tal-HBCDD bħala addittiv li jwaqqaf it-tixrid tan-nar (biex jintuża aktar 'il quddiem fl-applikazzjonijiet għall-bini)<br><br>Il-produzzjoni ta' oġġetti magħmula mill-polistiren imwessa' (EPS) ritardant tal-fjammi li jintuża fl-applikazzjonijiet għall-bini | fil-21 ta' Awwissu 2017.<br><br>L-awtorizzazzjoni ma tibqax valida fil-21 ta' Awwissu 2017 għad-detenturi tal-awtorizzazzjoni li sal-21 ta' Frar 2016 ma jkunux ippreżentaw rapport ta' eżami, sakemm qabel ma tkunx ġiet adottata deċiżjoni li tiġi rtirata l-awtorizzazzjoni fl-applikazzjoni tal-Artikolu 31(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006. | Skont l-Artikolu 60(4) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, il-benefiċċji soċjoekonomiċi jegħlbu r-riskji għall-ambjent li jirriżultaw mill-użu tas-sustanza u ma hemmx sustanzi jew teknoloġiji alternattivi xierqa disponibbli fi kwantitajiet suffiċjenti.<br><br>Madankollu, huwa mistenni li ritardant tal-fjammi polimeriku, wara li jitlestew b'riżultat pożittiv it-testijiet u l-proċeduri ta' ċertifikazzjoni, ikun alternattiva fattibbli u disponibbli fi kwantitajiet biżżejjed biex jissodisfa d-domanda stmata sal-2017.<br><br>Id-detenturi tal-awtorizzazzjoni huma meħtieġa jippreżentaw rapport lill-Kummissjoni kull tliet xhur dwar il-kwantitajiet disponibbli fis-suq tar-ritardant tal-fjammi polimeriku u dwar il-progress għas-sostituzzjoni tal-HBCDD. |

([1]) ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

| Referenza tad-Deċiżjoni [1] | Data tad-Deċiżjoni | Isem is-sustanza | Detentur tal-awtorizzazzjoni | Numru tal-awtorizzazzjoni | Użu awtorizzat | Data ta' skadenza tal-perjodu ta' rieżami | Raġunijiet tad-Deċiżjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Synthos Kralupy a.s., O. Wichterleho 810, 27801, Kralupy nad Vltavou, ir-Repubblika Ċeka | REACH/15/6/8<br>REACH/15/6/9 | | | |
| | | | Bewi Styrochem Oy, P.O. Box 360, 06101, Porvoo, il-Finlandja | REACH/15/6/10<br>REACH/15/6/11 | | | |
| | | | Monotez SA, 111, Lefkis Street, 14568, Athens, il-Greċja | REACH/15/6/12<br>REACH/15/6/13 | | | |
| | | | RP Compounds GmbH, EPS building Plant I 119, 06258, Schkopau, il-Ġermanja | REACH/15/6/14<br>REACH/15/6/15 | | | |
| | | | Synbra Technology bv, Post Box 37, 4870AA, Etten-Leur, in-Netherlands | REACH/15/6/16<br>REACH/15/6/17 | | | |
| | | | Sunpor Kunststoff GmbH, Tiroler Strasse 14, PF 414, 3105, St Polten, l-Awstrija | REACH/15/6/18<br>REACH/15/6/19 | | | |
| | | | Dunastyr Polystyrene Manufacturing C. Co Ltd, Arpad Fejedelem utca 26-28, H-1023, Budapest, l-Ungerija | REACH/15/6/20<br>REACH/15/6/21 | | | |

| Referenza tad-Deċiżjoni ([1]) | Data tad-Deċiżjoni | Isem is-sustanza | Detentur tal-awtorizzazzjoni | Numru tal-awtorizzazzjoni | Użu awtorizzat | Data ta' skadenza tal-perjodu ta' rieżami | Raġunijiet tad-Deċiżjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Versalis SpA, P.zza Boldrini 1, 20097, San Donato Milanese, Milano, l-Italja | REACH/15/6/22<br>REACH/15/6/23 | | | |
| | | | Unipol Holland BV, Rijnstraat 15º, P.O. Box 824, 5340AV, Oss, in-Netherlands | REACH/15/6/24<br>REACH/15/6/25 | | | |

([1]) Id-Deċiżjoni hija ppubblikata fis-sit web tal-Kummissjoni Ewropea: http://ec.europa.eu/growth/sectors/chemicals/reach/about/index_en.htm

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.7851 — USS Nero/OPTrust/PGGM/Global Vía)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2016/C 10/05)

1. Fl-4 ta' Jannar 2016, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] li permezz tagħha l-impriżi OPTrust Infrastructure Europe I S.à.r.l., ("OPTrust", il-Lussemburgu), sussidjarja ta' OPSEU Pension Trust (il-Kanada), Stichting Depositary PGGM Infrastructure Funds ("PGGM", il-Pajjiżi l-Baxxi) u USS Nero Limited ("USS", ir-Renju Unit) jakkwistaw fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt tal-impriża Global Vía Infraestructuras, S.A. kollha kemm hi ("Global Vía", Spanja) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal OPTrust: amministrazzjoni u ġestjoni ta' fond tal-pensjonijiet għal Ontario Public Service Employees Union;

— għal PGGM: ġestjoni tal-fondi tal-pensjoni fil-Pajjiżi l-Baxxi;

— għal USS: fondi tal-pensjoni għas-settur privat fir-Renju Unit;

— għal Global Vía: ġestjoni ta' konċessjonijiet infrastrutturali, b'mod partikolari konċessjonijiet ta' pedaġġi tal-awtostradi; konċessjonijiet tal-infrastruttura ferrovjarja u konċessjonijiet tal-isptar (servizzi mhux relatati mas-saħħa).

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.7851 — USS Nero/OPTrust/PGGM/Global Vía, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

---

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.7885 — BP Europa/Ruhr Oel)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2016/C 10/06)

1. Fis-6 ta' Jannar 2016, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża BP Europa SE (il-Ġermanja), bażikament ikkontrollata minn BP p.l.c. ("BP" tar-Renju Unit), takkwista, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll uniku tal-impriża Ruhr Oel GmbH kollha kemm hi ("ROG" tal-Ġermanja) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— BP hija attur globali tal-enerġija attiva tul il-katina kollha ta' valur taż-żejt mhux maħdum u tal-gass naturali;

— ROG hija attiva fir-raffinar u l-bejgħ ta' wara r-raffinerija ta' prodotti taż-żejt irraffinat.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jinagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.7885 — BP Europa/Ruhr Oel, fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT